MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
IAN FARRUGIA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2014

Numru 34/2014

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Herman Mula)**

**Vs**

**SEAN FARRUGIA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Sean Farrugia** ta' 24 sena, iben George u Jane nee' Vella, imwieled tal-Pieta nhar is-27 t' Awwissu 1989, residenti ġewwa Springtide, Fl 1, Triq Luigi Onofrio, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita numru **389789M**, gie akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, nhar l-10 ta' Jannar 2014 u fis-snin ta qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, **liema droga instabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu**;

2. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 sabiex din il-kawza tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat u l-oggetti elevati u esebiti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-sottomissjonijiet ta’ l-Ufficjal Prosekutur fejn qal li dan kien kaz fejn wara li l-imputat twaqqaf meta kien fil-vettura u dana minhabba s-sewqan erratiku tieghu, gew innotati xi oggetti suspettati li kellhom konnessjoni mal-abbuz tad-droga. Saret tfittxija

u fil-pussess tieghu nstabu tlett boroz kontenenti *cannabis grass*, li l-piz komplessiv taghhom kien ta` circa 140 gramma. Instabu wkoll roll cling film, crusher, pakkett lubretti u pakkett rouches – oggetti lkoll komunement marbuta mal-abbuz tas-sustanzi, f'dan il-kaz, *cannabis grass*. L-imputat ittiehed ghal aktar investigazzjonijiet u ghazel li jirrilaxxja stqarrija. Minn jeddu stqarr illi l-*cannabis grass* kienet ghalieh u li kien xtara ammont konsiderevoli peress li kien ipejjep hafna u ghalhekk kien jiffranka. Ammetta wkoll li kien ilu jabbuza mill-*cannabis grass* ghal madwar ghaxar snin u li kien ghamel programm. L-ufficjal prosekutur iddikjara wkoll, fis-sottomissjonijiet tieghu, illi l-imputat kien koperattiv waqt l-investigazzjoni kondotta.

Illi l-Qorti kkonsidrat ukoll is-sottomissjonijiet tad-difensur ta' l-imputat. Apparti li d-difiza qablet mas-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni, ghamlet enfasi fuq l-ammissjoni bikrija (enfasi tal-Qorti) - u sahansitra kkummentat dwar il-fatt li saret ammissjoni fl-istadju ta` l-istqarrija. **Id-difiza stqarret illi x-xewqa ta` l-imputat hi dik li xi darba jehles mill-problema ta` l-abbuz tad-droga u jirriforma ruhu** (enfasi tal-Qorti). Intalbet ukoll il-klemenza tal-Qorti.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena li l-Qorti tinfliggi. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni specjali, **l-ammont ta` *cannabis grass* elevat mill-pussess tal-hati** (enfasi tal-Qorti) – ammont preokkupanti. Qieset dak li stqarr l-hati fl-istqarrija tieghu u cioe` li hu effettivament ipejjep hafna; din il-Qorti temmen li hekk hu. Izda dan bhala fatt bl-ebda mod ma jgib fix-xejn it-tezi tal-prosekuzzjoni li in effetti s-sustanza misjuba fuq l-imputat ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Di fatti, Sean Farrugia ammetta ghal din l-imputazzjoni u cioe` ghal dan il-pussess li ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu. Fil-kuntest ta` dak kollu rizultanti f'dan il-kaz, din il-Qorti trid tibghat messagg illi kull min jinstab hati ta` pussess ta` droga li ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-persuna koncernata jehtieg li jigi punit bil-karcerazzjoni u b'dan il-mod il-piena tkun qed isservi kemm ta` deterrent

kif ukoll tkun qed taghmel gustizzja mas-socjeta`. Il-Qorti qieset ukoll li mill-fedina penali tal-hati jirrizulta li fl-20 ta` Mejju 2010 u fit-28 ta` Gunju 2011 huwa instab hati b'zewg sentenzi separati w inghata, fiz-zewg okkazzjonijiet, il-beneficcju tas-sanzjoni ikkontemplata taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ( cioe` il-liberta` kondizzjonata).

Illi din il-Qorti hi konvinta, minn dak li rrizulta f'dan il-procediment, li l-hati ghandu bzonn jiehu d-decizjoni t-tajba u jinsisti mieghu innifsu li ghandu bzonn l-ghajnuna biex johrog mill-vizzju. Dak li tista taghmel din il-Qorti hu li taghmel ir-rakkomandazzjoni mehtiega f'dan il-kuntest.

Illi in linea proceduralі, din il-Qorti qed tqis it-tieni imputazzjoni, dik ta` pussess semplici tal-*cannabis*, bhala mezz ghall-fini ta` l-ewwel imputazzjoni, dik ta` pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-*cannabis*.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, u l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil **Sean Farrugia** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' prigunerija ta' wiehed u ghoxrin xahar (21) u multa ta` hames mitt Euro (€500).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita (Dokument HM5) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta` din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex jaghti lill-hati Sean Farrugia dik l-ghajnuna mehtiega f'kaz li huwa jitlob u juri li jrid jirriabilita` ruhu mill-abbuz tad-droga.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u

kopja ta’ din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------